MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-6 ta' April, 2005

Numru. 311/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Joseph Mercieca)**

**v**

**Sam Charles Aquilina ta' 28 sena, iben George u Lina nee Briffa, imwieled Victoria, Awstralja fit-13/05/1975 u li joqghod 34, Casa Sciberras, Triq il-Milied, Qormi, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 85892 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Sam Charles Aquilina li gie akkuzat talli fit-3 ta' April, 2004 ghall-habta tal-5.45 a.m. f'Dawret il-Gejjer, Bugibba, ikkommetta serq

ta’ basket minn fuq il-persuna ta’ Nicholette Spiteri, liema serq huwa aggravat bil-hin ai termini tal-artikolu 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u aktar talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 b’sentenza tal-Qrati Maltin, datata 30 ta’ April, 1997, liema sentenza ma tistax tigi mibdula.

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji kif ukoll il-kunsens ta’ l-Avukat Generali f’dan ir-rigward.

Rat li fi stadju ta’ interrogatorju l-akkuzat irregistra ammissjoni u konsegwentement din il-Qorti ordnat it-thejjija ta’ pre-sentencing report.

Rat ukoll li fi stadju ulterjuri l-Prosekuzzjoni rtirat l-akkuza ta’ recidiva filwaqt li l-imputat zamm ferm l-ammissjoni registrata rigward serq.

Ikkonsidrat

Rat dik li giet imsejha bhala sentenza esebita Dok JM.

Frankament din m’hi xejn sentenza, hija biss u unikament verbal tal-Qorti, fil-minimu u ad validitatem sentenza ta’ Qorti jkollha l-akkuzi dedotti u zgur l-artikoli li tahthom qed tinstab htija.

Ghaldaqstant in vista ta’ l-ammissjoni ta’ l-akkuzat fuq serq, qed issibu hati ta’ l-istess u dan wara li rat l-artikoli 261 u 270.

Rat li giet irtirata l-akkuza ta’ recidiva kif ukoll illi l-akkuzat Aquilina hallas lill-vittma Nicholette Spiteri d-danni lilha kagunati. Rat ukoll ir-rakkomandazzjoni tal-Ufficjal tal-Probation.

Ikkonsidrat illi kif ben rilevat Aquilina m’ghandux fedina penali netta pero’ tqis li aktar milli tibghatu f’piena karcerarja effettiva qeghda tikkundannah ghal piena karcerarja ghal zmien sena sospiza ghal sentejn u dan wara li rat l-artikolu 28 A tal-Kap 9.

Qeghda wkoll ai termini ta’ l-artikolu 28 G tal-Kapitlu 9 tqeghdu taht ordni ta’ supervizjoni ghal terminu ta’ sena mil-llum u qeghda ghal dan l-iskop tahtar lil Miriam Sevasta bhala Ufficjal tal-Probation.

B’dan illi matul din l-ordni ta’ supervizjoni Sam Charles Aquilina ghandu jobdi kull ordni lilu moghtija mill-Ufficjal Sorveljanti b’mod partikolari pero’ mhux esklussivament, fejn jirrigwarda sejbien ta’ impieg, ghalhekk ghandu jirrikorri anke ghal korsijiet mal-ETC kif ukoll fir-rigward ta’ kwalunkwe problema socjali li qed tinstigah ta’ eta’ daqshekk tenera li jikkommetti dawn ir-reati.

Tordna wkoll din il-Qorti li l-Ufficjal Sorveljanti ghandu jirraporta lilha mmedjatament jekk ikun hemm ksur ta’ l-istess ordni.

Tordna wkoll illi Sam Charles Aquilina ghandu f’kaz ta’ bdil ta’ indirizz jinforma b’dan li l-Ufficjal Sorveljanti fi zmien erbgha u ghoxrin siegha mill-istess.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------